MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2414/2003

**Charles Grech & Company Limited**

**Vs**

**RHF Industries Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm375.62c (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti hlas fuq xorb u merce simili debitament ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Michael Zammit Maempel li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm375.62c (tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------